# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Preliminari Nru. 1694

Kaz Nru 2335AC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Musab Al Kalbash Miftah
u
Farsons Agent Burmarrad Depot

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngjusta*

Illum il-Hamis 27 ta' April 2006

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors fir-Registru tal-Qorti Superjuri f'isem Musab Al Kalbash Miftah mill-Avv. Norma Vella fejn qieghed jghid illi l-impieg tieghu gie tterminat minghajr ebda raguni valida fil-ligi u t-tkeccija ta' Musab Al Kalbash Miftah hija wahda ingusta ai termini ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Att Nru. XX11 ta' l-2002).

Is-Sur Musab Al Kalbash Miftah li kien assistit mill-Avukata Norma Vella aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant. Ghas-socjeta appellata aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta deher is-Sur Joseph Vella assistit mill-Avukat Massimo Vella.

It-Tribunal zamm tliet seduti.

**Stqarrija tal-Kaz**

L-appellant jghid illi kien jahdem mas-Sur Joe Vella bhala *Deliveryman.* Beda jahdem fit-23 ta' Mejju 2005; xogholu kien illi jerfa l-kaxxi tax-xorb, jqassam lil hwienet u jsuq it-trakk. Qatt ma kellu inkwiet fuq ix-xoghol la ma' l-imghallem lanqas ma' impjegati ohra. Dejjem ghamel xogholu sewwa u qatt ma kellu *warning*.

Illi fil-5 ta' Awissu 2005 kien weggha fuq ix-xoghol, kien mar ic-centru tas-Sahha tal-Mosta u t-tabiba qaltlu li ma jistax imur ghax-xoghol ghax idejh iddennietlu. Kien cempel lis-Sur Vella fejn qallu li dik il-gimgha ma jistghax imur ghax-xoghol.

It-Tlieta 16 ta' Awissu 2005 mar ghax-xoghol regolari. L-ghada l-Erbgha meta kien qed jahdem kienu waqghawlu xi kaxxi tas-*soft drinks* li kienu fuq it-trakk minhabba li t-triq kienet b'hafna hofor. Meta mar lura wara li lesta x-xoghol l-imghallem qallu li kellu ihallas ta' dawk il-kaxxi li kienu waqghu u nkisru. Jghid illi t-tort ma hux tieghu. Hadem il-Hamis u l-Gimgha ta' wara u gie imkecci.

Is-socjeta appellata tghid illi l-ilment ta' l-appellant huma kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt billi l-impieg tieghu intemm meta kien ghadu fil-fazi ta' *probation.*

Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzzju ghall-premess it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant saret ghal ragunijiet tajba u bizzejjed konsistenti f'nuqqasijiet da parti ta' l-appellant fil-kors tax-xoghol tieghu u li wasslu ghal diversi twissijiet u ll finalment ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-appellant jghid illi fil-5 ta' Awissu 2005 wegga fuq ix-xoghol u ghamel gimgha ma jistghax imur ghax-xoghol peress li kien dahhal skalt ta' l-injam.

Kien gie ikkurat fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Il-gimgha ta' wara dahal ghax-xoghol normali, l-Erbgha ta' dik il-gimgha waqt li kien ghaddej f'triq li kien fiha hafna skossi kien waqghawlu xi kaxxi tas-*soft drinks* minn fuq it-trakk. Meta rritorna lura hdejn l-imghallem qallu li kellu jhallsu ta' dawk il-kaxxi li nkisru. L-appellant jghid illi dak li gara ma kienx tort tieghu u ma kellux ihallas. Hadem il-Hamis u l-Gimgha u spicca li gie imkecci. Kull ma qallu l-imghallem kien *"tigix izjed".*

Is-socjeta appellata ghamlet il-kaz taghha dwar illi l-appellant kien ghadu taht il-*probation.* Xehed l-ufficcjal inkarigat mill-ETC is-Sur Paul Aquilina u pprezenta d-dokument ta' l-impieg u tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant li jgibu dawn id-dati mit-23/05/2005 sas-19/08/2005.

Xehedu s-Sur Joseph Vella l-Principal tas-socjeta u l-appellant fejn taw il-verzjoni taghhom.

L-Att Nru. XX11 ta' 2002, l-Att dwar il-Kundizzjonijiet ta' l-Impieg u r-Relazzjonijiet Industrijali Artiklu 36 (1) jghid, "*L-ewwel sitt xhur ta' kull impieg taht kuntratt ta' servizz ikun impieg bi prova, sakemm zmien iqsar ta' impieg bi prova ma jigix miftiehem bejn iz-zewg partijiet".*

Minn dak kollu li ntqal waqt ix-xhieda sew tas-socjeta kif ukoll ta' l-appellant imkien ma ntqal illi kien hemm xi kundizzjoni partikulari bejniethom meta sehh l-impieg ta' l-appellant.

Ghal kemm is-socjeta meta kecciet lill-appellant nizlett fil-formula ETC 103 li tkecca b'dixxiplina jibqa xorta wahda l-fatt illi meta mpjegat ikun ghadu taht iz-zmien stipulat mill-ligi ta' sitt xhur, jibqa d-dritt mghoti bil-ligi illi sew il-principal kif ukoll il-haddiem ghandhom id-dritt li jtemmu l-impieg minghajr ma jghatu l'ebda raguni kif jghid Artiklu 36 (2).

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali, ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra x-xhieda prodotta, ra d-dokumenti esibiti, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi t-tkeccija saret sewwa skond il-ligi peress illi l-appellant kien ghadu taht it-terminu ta' zmien tal-*probation*.

Ghall-fini ta' Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Lm40.00 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**
**Chairman**